**QORTI TA'L-APPELL KRIMINALI**

**(SEDE SUPERJURI)**

**Onor. Imħallef Dr Joseph Zammit McKeon LL.D. – Agent President**

**Onor. Imħallef Dr Abigail Lofaro LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta` Marzu 2018**

**Att ta'l-Akkuza numru 09/2013**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Allan Galea**

**Il-Qorti**,

Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fejn wara li ippremetta fl-Ewwel Kap:

Illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (6:30pm), il-Pulizija tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali (CID) gew infurmati mill-pulizija tad-Distrett ta' Marsaxlokk illi kien għadu kif seħħ omiċidju permezz ta' *stabbing* fil-viċinanzi tal-Każin Nazzjonalista ġewwa l-istess lokalita' u li l-vittma ta' dan l-omiċidju kien Anthony Borg magħruf bħala l-Bona. Kien hemm diversi persuni li ġew mitkellma fuq il-post u li kkonfermaw li dan l-omiċidju kien riżultat ta' aggressjoni bi strument li jaqta' jew bil-ponta kommessa minn Allan Galea qua l-akkużat f'dawn il-proċeduri fil-konfront tad-defunt Borg.

Illi mill-investigazzjoni u mill-fatti jirriżulta li, l-vittma Anthony Borg niżel jiekol u jixrob fil-każin tan-Nazzjonalisti ġewwa Marsaxlokk fejn kien fil-kumpanija tal-familja u tat-tfajla tiegħu. Għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija (6:00pm) d-defunt Borg instema jiġġieled barra mill-każin fejn meta' xi uħud mill-familjari tiegħu marru jaraw x'kien qed jiġri l-akkużat Galea intelmaħ fuq il-post u kien qed jipprovoka lill-vittma għall-ġlied filwaqt li kien qed ixxejjirlu sikkina li kellu fil-pussess tiegħu f'dak il-mument. Jidher ukoll li rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni l-vittma kien ġab arma tan-nar mill-vettura tiegħu fejn kien spara żewġ tiri fl-ajru sabiex ibeżża lill-aggressur qua l-akkużat u filfatt jidher li hu kien rema din l-arma ġaladarba spara dawn it-tiri. Madakollu dan ma sewa għal xejn peress illi l-akkużat, dolożament, bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'periklu ċar, beda jagħti diversi daqqiet ta' sikkina lil Anthony Borg aka l-Bona u dan anki wara li l-akkużat kien immobilizza lill-vittma fil-kors ta' din l-aggressjoni. Fil-fatt jiriżulta kemm mix-xhieda okulari li kienu fuq il-post kif ukoll mill-awtopsja li saret wara fuq il-kadavru illi d-defunt Borg qua il-vittma ssubixxa diversi daqqiet ta' strument li jaqta jew bil-ponta f'partijiet differenti ta' ġismu, fosthom daqqa fuq in-naħa tax-xellug ta' sidru li rriżultat bħala dik li kkaġunatlu l-mewt. Sfortunatament, irriżulta li l-vittma miet fuq il-post ftit tal-ħin wara

kaġun ta' din l-aggressjoni vjolenti konsistenti minn dawn id-daqqiet f'partijiet vitali ta' ġisem il-vittma li ġew inflitti fuqu permezz ta' sikkina li effettivament instabet fuq ix-xena tad-dellitt fil-viċinanzi tad-defunt, u dolozament mill-akkużat Allan Galea bl-intenzjoni li joqtol jew li jipperikola l-ħajja ta' Anthony Borg. Fil-fatt il-vittma Anthony Borg ġie ċċertifikat mejjet hdejn il-każin tan-Nazzjonalisti ta'Marsaxlokk mill-paramediċi li ssokkorewħ biex ituħ l-assistenza meħtieġa iżda li kienet inutli fiċ-ċirkostanzi li rriżultaw.

Illi l-akkużat Allan Galea ġie arrestat ftit tal-ħin wara fl-inħawi tal-istess każin wara li ħarab minn fuq il-post sussegwentement għall-eżekuzzjoni ta' dan l-omiċidju doluz fejn meta mitkellem mill-pulizija ammetta li hu mar armat fuq il-post tad-dellitt speċifikatament sabiex jaffaċja lill-vittma Borg b'intenzjoni doluża ta' qtil u dan wara li kien hemm skambju ta' telefonati bejniethom dakinhar stess ftit tal-ħin qabel ma seħħet l-aggressjoni mertu ta' dan il-każ kif ukoll wara xi tilwim li kien inqala' bejniethom f'okkazzjonijiet precedenti għal dan id-delitt.

Illi b'għemilu l-imsemmi Allan Galea sar ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Anthony Borg) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali akkuża lill-imsemmi Allan Galea, ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Ġenerali fit-Tieni Kap ippremetta:

Illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kap preċedenti ta' l-att ta' akkuża, u ċioe` nhar il-wieħed u għoxrin (21) jum ta' Frar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (6:30pm) u ftit tal-ħin qabel ġewwa Marsaxlokk, l-akkużat Allan Galea, kellu f'idejħ sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta mingħajr ma' kien debitament liċenżjat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa fil-fatt ġar l-arma fuq il-persuna tiegħu u għamel użu xjenti u maħsub minn din is-sikkina permezz ta' liema kkaġuna diversi ġrieħi gravi fuq il-vittma Anthony Borg li kienu ġrieħi fatali għall-vittma imsemmi. Dan ukoll jindika li l-ġarr barra minn fond jew ditorni tiegħu ta' din is-sikkina ma kinitx intenzjonata sabiex taqdi l-funzjonijiet tagħha iżda bl-iskop li tintuza bħala arma kontra l-persuna ta' Anthony Borg kif fil-fatt irriżulta.

Illi b'għemilu l-imsemmi Allan Galea sar ħati talli, ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali akkuża lill-imsemmi Allan Galea ħati talli, ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mija u sittax–il Euro u sebgħa u erbgħin ċentenżmu (€116.47) skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi (Kap 480), u l-artikoli 23, 23A, 30, 64(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Dicembru 2001 li bis-sahha taghha wara li dik il-Qorti rat il-verdett tal-gurati ta' dak in-nhar stess li bih b' sitt ( 6 ) voti favur u tlett ( 3 ) voti kontra sabu lil Allan Galea ħati skont l-Ewwel Kap tal-att tal-akkuza, b'dan li r-reat hu skużabbli għaliex għalkemm aġixxa fil-bżonn attwali tad-difiża leġittima tiegħu nnifsu, ħareġ barra mil-limiti mposti mil-Liġi jew mill-awtorita' jew mill-bżonn, u li unanimament sabu lill-imsemmi Allan Galea ħati skont t-Tieni Kap tal-att tal-akkuża.

Rat illi l-Ewwel Qorti wara li rat l-artikoli 23, 211(1), 223, 227(d) u 228(3) tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi tal-Kapitolu 480, fejn bl-assorbiment tat-Tieni Kap ta' Akkuża fl-Ewwel Kap ta' Akkuża bħala mezz għal fini, tikkundannat lil Allan Galea għal piena ta' sitt (6) snin priġunerija, kif ukoll ikkundannatu jħallas l-ammont ta' disa' telef, sitt mija u seba' u erbgħin ewro u tletin ċenteżmu (€9, 647.30) bħala spejjeż inkorsi f'dan il-proċess

Rat ir-rikors ta'l-appell imressaq mill-Avukat Generali fis-07 ta' Jannar 2016 li bih u ghar-ragunijiet hemmhekk imsemmija talab lil din il-Qorti **tbiddel u tirriforma** l-istess sentenza, billi :

(1) Tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tat-tieni kap ta' din l-Att tal-Akkuża b'vot unanimu;

(2) Tħassarha u tmur lura mill-verdett fir-rigward ta' l-ewwel Kap ta' Akkuża u ċioe' dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha l-akkużat Allan Galea instab ħati tar-reat ta' omiċidju volontarju skużat permezz tal-eċċess tal-leġittima difiza u minflok issib lill-appellat Allan Galea ħati tal-omiċidju volontarju mingħajr l-ebda skuża jew ġustifikazzjoni fil-liġi kif oriġinarjament ipprospettat fl-Att tal-Akkuża u tiddetermina verdett ta' sejbien ta' htija f'dan ir-rigward;

(3) konsegwenzjalment tħassar il-piena kif mogħtija fil-kawża u minflok tagħti dik is-sentenza aktar gravi ġustifikata bil-liġi (skont kif mitlub fl-att tal-akkuza);

(4) **<u>jew alternattivament</u>** tordna li l-kawża terġa tinstema mill-ġdid skond id-disposizzjoni tal-artikolu 508 tal-Kodiċi Kriminali sabiex l-inġustizzji li seħħew kif spjegat f'dan l-appell, tiġi rizolta permezz ta' proċess ġdid skond il-liġi, filwaqt illi tiddisponi minn dan l-appell skond il-liġi u ai fini tar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2017 fejn l-appellat permezz tad-difensur tieghu issolleva il-pregudizzjali dwar in-nullita tar-rikors ta' l-appell u dan billi sahaq illi l-Avukat Generali ma ghandu l-ebda jedd ghall-appell skont il-ligi mill-verdett tal-gurati u is-sentenza ta'l-Ewwel Qorti.

Semghet trattazzjoni dwar dan il-pregudizzjali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat,

Illi din id-decizjoni hija wahda limitata ghal pregudizzjali sollevata mill-appellat dwar il-jedd ghal appell ta' l-Avukat Generali mid-decizjoni tal-gurija popolari. Illi allura qabel ma tinoltra ruhha fil-lanjanzi imqanqla mill-Avukat Generali fir-rikors ta'l-appell minnu imressaq, l-ewwel kwistjoni li trid necessarjament tigi indirizzata hija dwar l-appellabilita' tad-decizjoni impunjata, li hi ta' ordni pubblika, u dan peress li jekk jirrizulta li d-decizjoni appellata hi fil-fatt u fid-dritt inappellabbli jkun isegwi li r-rikors tal-appell huwa wiehed irritwali u null u

konsegwentement ma jkunx hemm htiega li din il-Qorti tikkonsidra l-aggravji migjuba fih.

Issa huwa indubitat illi *"l-ordinament tal-procedimenti legali jemana biss u esklussivament mil-ligi kif mdawwla bl-interpretazzjoni taghha mill-qrati li ghandhom il-funzjoni li jaghtu t-tifsira awtentika tal-ligijiet tal-pajjiz. Hija wkoll il-ligi li tippreskrivi l-parametri tal-kompetenza ta' kull qorti u ebda qorti ma tista' tohrog 'il barra minn dawk il-parametri ghaliex anki l-qrati huma soggetti ghall-ligi. Ghalhekk, jekk il-ligi ma taghtix dritt ta' appell minn xi decizjoni ta' xi qorti jkun isegwi li dak id-dritt ta' appell ma jkunx jezisti skont il-ligi.*[1]"

Illi fl-istorja legislattiva ta' pajjizna, u mhux biss, izda f'dawk il-pajjizi fejn il-process gudizzjarju penali huwa imsejjes fuq 'l hekk imsejjah "*trial by jury*", kien hemm dejjem riluttanza kbira li jinghata jedd ta' appell sahanistra lill-persuna misjuba hatja. Fil-fatt fl-Ingilterra kien hemm oggezzjoni kbira mill-kamp legali, guristi u awturi emminenti mal-promulgazzjoni tal-Criminal Appeal Act fl-1907 u dan ghal diversi ragunijiet li il-Professur Mamo jelenka fin-noti tieghu fosthom illi:

1. *It would (dan b'referenza ghad-dritt ta' appell) greatly diminish the sense of responsibility of the Jury.*
2. *It would virtually deprive the prisoner of the benefit of the doubt.*
3. *It substitutes trial by judge to trial by jury, with the disadvantage that the appeal judges will have before them, to use the pregnant phrase of Sir. J. Coleridge, 'the dead body of the evidence without the spirit', whereas the trial judges had the full opportunity of seeing 'how*

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler deciza 26/02/2009 App.Sup.

*witnesses looked, whether they hesitated or how they stood the test of cross-examination'. Consequently the Right of Appeal not only deprived the verdict of a jury of the very essential quality of finality, but substituted for the opinion of the jurymen who have heard the whole case and observed the demeanour of the witnesses and have in the hypothesis been rightly directed in law, that of a majority of the judges sitting on the appeal who have not heard the case or seen the witnesses at the trial."*

Il-ligi mandanakollu giet ippromulgata fl-Ingilterra u illum hija inkorporata fil-Criminal Appeal Act 1995. Mhux biss izda din il-ligi holqot fl-Ingilterra Kummissjoni gdida imsejjha *Criminal Cases Review Commission* li f'idejha huma rimessi dawk il-kazijiet fejn issir allegazzjoni li kien hemm *"a serious miscarriage of justice".*

Illi l-posizzjoni f'Malta kienet l-istess meta allura d-dritt ta' appell minn guri kien inezistenti b'appell *ex gratia* seta' isir biss lil Privy Council. Illi madanakollu l-jedd ta'l-appell mill-gurijiet gie introdott fis-sistema legislattiva ta' pajjizna permezz ta'l-Att XXV tal-1967, kif sussegwentement emendat sa ricentement fejn permezz ta'l-Att III tal-2002 gie introdott id-dritt ta' appell ta' l-Avukat Generali mill-piena u minn punti ta' dritt f'verdett liberatorju u imbaghad permezz ta'l- Att IV tal-2014 u l- Att VIII tal-2015 gie imwessa dan il-jedd ta' l-appell sabiex illum permezz tal-artikolu 500(3) tal-Kodici Kriminali:

"**Il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tilqa' l-appell mill-Avukat Ġenerali jekk jidhrilha li waqt il-proċeduri seħħet irregolarità gravi jew li s-sentenza hija b'mod ċar ir-riżultat ta' miżinterpretazzjoni manifesta jew ta' applikazzjoni manifestament skorretta tal-liġi li jkunu affettwaw il-verdett:**

**Iżda l-Qorti tista', sakemm ma tkunx tal-opinjoni li dak il-punt li sar waqt appell taħt dan is-subartikolu jkun deċiż favur l-Avukat Ġenerali, tiċħad l-appell f'każ li jkun ikkunsidrat li ma sar ebda nuqqas ta' ġustizzja.**
**(4) Fuq bażi ta' appell magħmul skont is-subartikolu (3), il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tiddetermina, tvarja jew tmur lura mill-verdett li minnu sar l-appell."**

Mhux biss izda fl-1967 is-setghat ta' din il-Qorti tal-Appell, kif kolleggjalment komposta, gie estiz fejn allura il-Qorti giet moghtija l-jedd li tordna li l-kawza tinstema' mill-gdid fejn imbaghad l-gudikabbli jerga' jigi iggudikat wara att ta' akkuza gdid.

Illi madanakollu ghalkemm jidher illi storikament appell minn guri kien dejjem meqjuz bhala kontra indikat ghall-ispirtu ta' din is-sistema gudizzjarja fejn allura demokratikament ic-cittadin jigi iggudikat mill-istess cittadini, madanakollu illum il-legislatur wessa' il-poteri moghtija lil din il-Qorti sabiex tqies revizjoni mid-decizjonijiet tal-Qorti Kriminali u il-verdett tal-gurati. Dan ghaliex bid-dhul fis-sehh ta' diversi konvenzjonijiet u illum direttivi tal-Unjoni Ewropeja fejn gew imfassla id-drittijiet fondamentali tal-bniedem fosthom allura il-jedd ghal smigh xieraq ghal persuna akkuzata f'kull process kriminali, id-dritt ghal revizjoni mid-decizjoni tal-gurija popolari kellha necessarjament thares milli dan il-jedd jigi mittiefes. Mhux l-istess izda jista' jinghad ghad-dritt ta'l-appell tal-Prosekuzzjoni fejn allura il-legislatur dejjem haseb biex kemm jista' jkun jillimita talba ghal revizjoni hlief f'certi cirkostanzi.

Issa l-Avukat Generali fl-appell minnu intentat qieghed isejjes it-talba tieghu ghal revizjoni mhux biss tas-sentenza impunjata izda ukoll tal-verdett moghti mill-gurija popolari fuq id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 500(3) u (4) tal-Kodici

Kriminali, hawn fuq iccitat, jew alternattivament abbazi ta' l-artikolu 508 fejn allura qed jintalab is-smigh mill-gdid tal-guri.

Id-difiza minn naha taghha tishaq illi appell lill-Avukat Generali ma huwiex moghti fil-kaz in dizamina u dan abbazi ta' zewg ragunijiet ewlenija:

Fl-ewwel lok jishaq illi meta inharrget l-Att ta' l-Akkuza fil-konfront tal-appellat sal-mument illi gew decizi definittivament l-eccezzjonijiet preliminari minnu imqanqla l-appell ta'l-Avukat Generali kien wiehed limitat ghal dawk id-disposizzonijiet tal-ligi introdotti permezz ta' l-Att III tal-2002 u cioe', kif inghad, appell minn piena meta jkunu gew applikati id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21 u 28A sa 28H tal-Kodici Kriminali u l-Att Dwar il-Probation kif ukoll fuq punti ta' dritt kif imfassal fl-artikolu 500B tal-Kodici Kriminali, fejn allura huwa biss f'din ic-cirkostanza illi l-Avukat Generali jista' jitlob ir-revizjoni tal-piena imposta fuq il-hati, billi fl-ebda cirkostanza ohra, fil-fehma tieghu, din il-Qorti ma tista tirrendi is-sentenza iktar gravi minn dik moghtija mill-Qorti Kriminali. Jishaq allura illi l-emendi introdotti wara permezz ta'l-Att IV tal-2014 u l-Att VIII tal-2015 ma isibux applikazzjoni f'dan il-kaz, bl-Avukat Generali ma ghandux il-jedd ghal appell kif mitlub fit-tieni u it-tielet talbiet fir-rikors ta' l-appell.

Issa ghalkemm dak li jikkontendi l-appellat huwa minnu u cioe' illi id-dritt ta' appell ghall-Avukat Generali minn verdett meta jkun jidher illi sehhet xi irregolarita' gravi fil-procediment jew meta jirrizulta illi s-sentenza hija r-riżultat ta'miżinterpretazzjoni manifesta jew ta' applikazzjoni manifestament skorretta tal-liġi li jkunu affettwaw il-verdett, ma kienx ghadu gie fis-sehh meta inharrget l-Att ta'l-Akkuza kontra l-appellat, madanakollu fit-02 ta' Dicembru 2015 u cioe' fid-data meta inbeda is-smigh tal-guri l-emendi relattivi ghad-dritt

ta' l-appell tal-Avukat Generali kienu jiffurmaw parti mid-dritt procedurali nostran.

Issa, ghalkemm l-abbli difensur ta'l-appellat jishaq illi ma jaqbilx illi l-pronunzjament gudizzjarju fid-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) Il-Pulizija v. George Faenza et tas-7 ta' Jannar 2005 ghandu isib applikazzjoni f'kaz fejn si tratta ta' appell minn guri, din il-Qorti madanakollu tqies illi xortawahda ghandha tirriporduci l-fehma moghtija minn dik il-Qorti fejn inghad hekk:

"**Ferm qabel ma kellna l-Kostituzzjoni ta' l-1964, u ghalhekk ukoll ferm qabel ma' Malta rratifikat il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna kienu japplikaw mhux biss ir-regola kontenuta fl-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali dwar it-tibdil fil-piena ghal reat partikolari, iżda wkoll il-principju *nullum crimen, nulla poena sine lege* li minnu titnissel ir-regola konkomitanti tan-nonretroattivita` tad-dritt penali sostantiv. Dan il-principju llum jinsab kristallizzat fis-subartikolu (8) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea. Kif jispjegaw Ben Emmerson u Andrew Ashworth fil-ktieb taghhom Human Rights and Criminal Justice:**

***"'There are thus two closely connected principles underlying Article 7. The first is that the substantive criminal law should be sufficiently accessible and precise to enable an individual to know in advance whether his conduct is criminal; and the second is that developments of the criminal law by the courts (whether through the interpretation of statutory offences, or the development of common law offences) must be kept within the bounds of what is reasonably foreseeable."***

**“Huwa ċar, għalhekk, li l-principju tan-non-retroattivita` japplika biss għad-dritt penali sostantiv u mhux ukoll għal dak proċedurali. Il-Qrati taghna kellhom diga` l-okkażjoni li jepuraw dan il-punt, u l-linja li ġiet dejjem segwita hi li, bħala regola, id-dritt proċedurali huwa ta’ applikazzjoni immedjata, cioe` applikabbli anke ghall-proċeduri li jkunu diga` ġew istitwiti qabel il-bidu fis-seħħ tal-“proċedura” ġdida.”**

Issa huwa indubitat illi l-artikolu il-gdid 500(3) u (4) tal-Kodici Kriminali la jolqot dritt penali sostantiv u wisq anqas jirrendi ir-reat imputabbli lill-appellat wiehed iktar gravi. Hija disposizzjoni tal-ligi li tirregola il-procedura ta’ l-appell minn decizjonijiet moghtija mill-Qorti Kriminali. Issa l-ghan wara il-principju tan-non-retroattivita’ tad-dritt penali ihares milli jkun hemm incertezza fl-imgieba tal-gudikabbli li allura ghandu il-jedd ikun jaf minn qabel jekk dik l-imgieba hijiex wahda censurabbli jew le u allura ma jigix sospriz b’xi akkuza kriminali ghal att li, fi zmien li gie kommess, ma kienx jikkostitwixxi reat. Ukoll dan id-dritt gie estiz fir-rigward tal-piena applikabbli ghar-reat sabiex b’hekk persuna akkuzata ghandha tibbenifika fil-mument li isir il-gudizzju fuq l-imgieba taghha mill-piena l-aktar favorevoli ghaliha.

Issa ma jidhirx illi f’dan il-kaz bl-emenda introdotta mill-legisalatur dwar id-dritt ta’l-appell ta’ l-Avukat Generali gew b’xi mod mittiefsa dawn il-jeddijiet tal-akkuzat. Ibda biex sa mill-bidu tal-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali u cioe’ sa mill-mument li beda il-guri fil-konfront ta’l-appellat dan id-dritt ta’ l-appell kien diga’ ezistenti, sabiex b’hekk l-appellat ma jistax ighid illi ma kienx hemm l-element tal-*forseeability* mehtieg fil-ligi. Ukoll lanqas ma jirrizulta illi b’xi mod ir-reat li dwaru l-appellat qieghed jigi akkuzat u cioe’ dak tal-omicidju

volontarju gie rez aktar gravi, kif lanqas ma jista' jinghad illi giet reza aktar gravi il-piena ghal dan ir-reat li igorr mieghu l-oghla piena mahsuba fil-ligi u cioe' dik tal-ghomor il-habs. Issa ghalkemm id-difiza tista' tqies illi dan il-jedd ta' appell fic-cirkostanzi ravvizati fl-artikolu 500(3) u (4) imorru kontra l-ispirtu tal-hekk imsejjah "*trial by jury*" billi allura l-appellat ser issa jigi iggudikat mill-gdid minn qorti u mhux mic-cittadin, madanakollu ghalkemm fit-tejorija dan jista' jkun punt validu, certament ma jistax jinghad illi b'xi mod sehh xi vjolazzjoni kif hawn fuq imfisser. Fuq kollox il-principju dwar in-non-retroattivita' tad-dritt penali ghandha l-eghruq taghha f'principju iehor u cioe' *nullum crimen sine lege*.

F'dan il-kaz ma jidhirx kif inghad illi b'tali emenda fil-ligi l-appellat kien ser jiffaccja xi akkuza aktar serja jew inkella xi piena aktar gravi ghar-reat li dwaru hu kien qieghed jigi akkuzat. Ghal dawn il-motivi ghalhekk din il-Qorti tqies illi dan l-argument sollevat mid-difiza ma jistax iregi u allura huwa indubitat illi l-emenda inkorporata fid-dritt procedurali penali dwar il-jedd ta'l-appell ta' l-Avukat Generali ghandu isib applikazzjoni retroattiva'.

Ikkunsidrat,

Illi fit-tieni lok, id-difiza tikkontendi illi billi l-Avukat Generali qieghed isejjes l-appell tieghu fuq dak dispost fl-artikolu 500(3) u (4) tal-Kodici Kriminali, madanakollu ghalkemm tali disposizzjoni tal-ligi taghti is-setgha lil din il-Qorti tvarja il-verdett moghti mill-gurija popolari, madanakollu ma testendiex dan il-jedd ghal varjazzjoni tal-piena, billi l-ligi imkien ma taghti il-jedd lil din il-Qorti tvarja is-sentenza tal-Qorti Kriminali. Dan ghaliex il-ligi taghmel distinzjoni bejn il-verdett tal-gurati u is-sentenza tal-Qorti Kriminali fejn allura tigi imposta il-

piena. Jishaq illi din il-Qorti giet moghtija mill-legislatur il-poter li tvarja il-piena inflitta biss fejn isir appell mill-Avukat Generali mis-sentenza tal-Qorti Kriminali kif mahsub fl-artikolu 500(2) tal-Kap.9 u cioe' fejn jkun hemm appell mill-piena kif imfisser fl-imsemmija disposizzjoni tal-ligi. Kwindi stabbilit illi l-emenda procedurali hija wahda retroattiva', madanakollu il-Qorti ghandha is-setgha biss li tqies it-tieni aggravvju imqanqal mill-Avukat Generali fejn qed jintalab il-bdil tal-verdett, izda ma tistax tqies it-tielet aggravvju fejn sussidjarjament l-Avukat Generali qed jitlob ukoll il-bdil fis-sentenza tal-Qorti Kriminali u allura tal-piena erogata.

Illi l-legislatur ghazel li jestendi id-dritt ta'l-appell ta'l-Avukat Generali fic-cirkostanzi ravvizati fl-artikolu 500(3) tal-Kodici Kriminali u cioe' meta jirrizulta illi jkun sehh xi irregolarita gravi waqt il-proceduri, jew inkella meta is-sentenza hija b'mod car ir-rizultat ta' mizinterpretazzjoni manifesta jew applikazzjoni manifestament skorretta tal-ligi li jkunu affetwaw il-verdett. Illi r-rimedju li tista' taghti din il-Qorti hija infraskritta fis-sub-inciz 4 ghall-imsemmi artikolu tal-ligi fejn hemm dispost hekk:

**Fuq bażi ta' appell magħmul skont is-subartikolu (3), il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha <u>tiddetermina, tvarja jew tmur lura mill-verdett</u> li minnu sar l-appell."**

Illi l-persuna akkuzata hija similment moghtija ukoll dritt ta' revizjoni mill-verdett tal-gurati li jkun stabbilixxa il-htija tieghu taht l-istess cirkostanzi meta fl-artikolu 501(1) tal-Kap.9 hemm dispost illi din il-Qorti ghandha tilqa dak l-appell:

**"jekk jidhrilha li kien hemm irregolarità matul il-kawża, jew kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni żbaljata tal-liġi, li seta' kellha influwenza fuq il-verdett."**

Illi r-rimedju li ghandha is-setgha li taghti din il-Qorti f'dan il-kaz huwa imfisser fis-subinciz 3 meta jinghad hekk:

**"Salvi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu ta' wara dan u tal-artikolu 508(1), il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha, jekk tilqa' appell kontra dikjarazzjoni ta' ħtija, tħassar id-dikjarazzjoni ta' ħtija u <u>tordna li jiġu reġistrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni</u> ."**

Biex b'hekk is-setgha moghtija lil din il-Qorti f'kaz ta' appell mill-persuna akkuzata hija li jkun hemm bdil kemm fil-verdett kif ukoll fis-sentenza, distinzjoni li sfortunatament il-legislatur jonqos volutament jew bi zvista milli jaghmel fis-sub-inciz 4 ghall-artikolu 500.

Illi imbaghad l-uniku disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar is-setgha tal-Qorti ta'l-Appell Kriminali li tvarja jew thassar is-sentenza tal-Qorti Kriminali fuq appell mill-Avukat Generali huwa is-sub-inciz (4) ghall-artikolu 501 meta jinghad testwalment:

"**Fuq appell kontra sentenza mill-Avukat Ġenerali, il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha jekk jidhrilha li kellha tingħata sentenza aktar gravi, tħassar is-sentenza mogħtija fil-kawża u tagħti dik is-sentenza aktar gravi ġustifikata bil-liġi minflok l-oħra kif jidhrilha li kellha tingħata, u f'kull każ ieħor għandha tiċħad l-appell."**

Dan ifisser necessarjament illi s-setgha ta' din il-Qorti li tvarja is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija cirkoskritta f'dak dispost fis-sub-inciz appena iccitat. Dan x'aktarx ghaliex din id-disposizzjoni tal-ligi giet fis-sehh fis-sena 2002 meta l-Avukat Generali gie moghti id-dritt ta' appell mill-piena kif mahsub fl-artikolu 500(2), bil-legislatur allura jommetti milli jintroduci emenda simili meta giet estiz id-dritt ta' l-appell tal-Prosekuzzjoni.

Illi l-Avukat Generali jargumenta illi gjaladarba din il-Qorti giet moghtija il-jedd illi tbiddel il-verdett tal-gurati, awtomatikament dan ghandu ifisser illi ghandu ikun hemm ukoll bdil fis-sentenza sabiex jigi rifless dan il-verdett gdid. Illi l-Qorti madanakollu ma tistax taqbel ma' dan l-argument ta' l-Avukat Generali billi l-legislatur fid-disposizzjonijiet tal-ligi li jitkellem dwar appell minn decizonijiet tal-Qorti Kriminali taghmel distinzjoni cara bejn dak li hu verdett u is-sentenza. Kwindi kif inghad fil-ftuh tal-konsiderazzjonijiet ta' din id-decizjoni hija *"il-ligi li tippreskrivi l-parametri tal-kompetenza ta' kull qorti u ebda qorti ma tista' tohrog 'il barra minn dawk il-parametri ghaliex anki l-qrati huma soggetti ghall-ligi."* Issa jekk il-legislatur jaghmel ommissjoni fid-dicitura tal-ligi li tfassal il-parametri ta' kompetenza ta' din il-Qorti, kemm jekk l-ommissjoni hija wahda voluta jew le, din il-Qorti hija marbuta ma' dawk il-parametri u ma tistax tmur lil hinn minnhom anke jekk is-sens komun jiddetta li hekk ghandu isir.

Illi allura l-appellat ghandu ragun meta jishaq illi s-setghat ta' din il-Qorti huma limitati ghal bdil, jew thassir tal-verdett, izda mhux ukoll bdil tas-sentenza meta tirrizulta din l-evenjenza, billi l-legislatur naqas milli jaghti dan il-poter lill-Qorti. Illi l-uniku rimedju miftuh ghall-Avukat Generali gjaladarba ma ghandu l-ebda jedd ghal appell mis-sentenza tal-Qorti Kriminali fejn il-verdett jkun gie mhassar, huwa dak mahsub fl-artikolu 508 tal-Kodici Kriminali u allura fl-

eventwalita' illi t-tieni aggravvju tal-Avukat Generali jigi milqugh, il-Qorti necessarjament trid tordna is-smigh mill-gdid tal-guri, u dan fil-parametri imfassla fl-imsemmi artikolu 508 u dan fejn jkun fl-ahjar interess ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja illi l-kaz jinstema mill-gdid meta ikun gie imqajjem il-punt dwar irregolarità matul il-kawża, jew dwar interpretazzjoni jew applikazzjoni żbaljata tal-liġi, li seta' kellha influwenza fuq il-verdett. B'dan madanakollu illi meta jkun hemm is-smigh mill-gdid tal-kaz u l-persuna akkuzata terġa' tiġi misjuba ħatja fil-kawża mill-ġdid, il-Qorti Kriminali tista' tagħti għar-reat kull sentenza awtorizzata mil-liġi, li ma tkunx sentenza aktar gravi minn dik mogħtija għad-dikjarazzjoni ta' ħtija oriġinali u dan kif stipulat fis-sub-inciz 7 ghall-imsemmi artikolu tal-ligi. Dan ghaliex anke hawnhekk il-legislatur ukoll naqas milli idahhal tibdil relattiv ghal emenda introdotta ghall-artikolu 500 sabiex b'hekk illum il-ligi procedurali hija mizghuda b'*lacunae* f'dawk il-kazijiet bhal dak odjern meta jigi introdott appell mill-Avukat Generali imsejjes fuq id-disposizzjonijiet tal-artikolu 500(3) tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' in parte il-pregudizzjali sollevata mill-appellat billi tiddikjara it-tielet aggravvju ta'l-Avukat Generali inammissibbli skont il-ligi ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta'l-istess. Tordna il-prosegwiment tas-smigh ta' l-appell fuq il-kumplament tal-aggravvji sollevati fir-rikors ta'l-appell.

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon - Agent President**

**Onor. Imħallef Abigail Lofaro**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**